Is-Superlattiv Assolut

Is-Superlattiv Assolut nużawh biex infissru **'ħafna, ħafna'**.

Pereżempju flok ngħid ikrah ħafna ngħid ikrah dagħwa; jew flok ngħid tqil ħafna ngħid tqil ċomb. Dawn huma xi eżempji ta' superlattiv assolut:

abjad ħalib	abjad silġ	abjad karti	aħdar ħaxix
aħmar nar	aħmar pepprin	ikħal nir	isfar lellux
isfar deheb	iswed faħam	iswed tuta	dlam ċappa
ħafif rixa	ħelu zokkor	marid mejjet	kiesaħ silġ
xiħ għakka	mgħawweġ ganċ	nadif tazza	oħxon katuba
oħxon kartell	qares lumija	jinten pesti	ifuħ xummiema

Taħriġ A: Imla l-vojt bl-aħjar frażi minn dawn t'hawn taħt:

ħelu zokkor	marid mejjet	iswed faħam	mgħawweġ ganċ	tinten pesti	aħmar nar
dlam ċappa	ikħal nir	nadifa tazza	ħafif rixa	abjad karti	oħxon katuba

1) Il-mama' naddfet id-dar kollha u ġiet _____.

2) Wara l-ġirja li ġera, wiċċu sar _____.

3) Minħabba l-ħsara fid-dawl, it-triq kollha spiċċat fi _____.

LIVEWORKSHEETS

4) Il-kejk t'għeluq sninni kien _____.

5) Tant kemm tħammeġ il-flokk li minn abjad sar _____.

6) Meta battalt il-kotba, il-baskett tal-iskola sar _____.

7) Huwa kellu jmur jistrieħ kmieni fis-sodda għax ħassu _____.

8) Xi ħadd ħalla l-landa tal-iskart miftuħa u bdiet _____.

9) Sebħet ġurnata b'temp bnazzi u sema _____.

10) Wara ħafna żmien ma jagħtix kas x'ikel jiekol, Albert sar _____.

11) Bil-qatgħa li ħadet, wiċċ Anna sar _____.

12) In-nannu ħadem u bata ħafna fl-għelieqi u issa sar _____.

LIVEWORKSHEETS